*-ittra uffiċjali biex tirrendi titolu eżekuttiv eżegwibbli mhix att eżekuttiv u għalhekk ma tistax tiġi attakkata a tenur tal-art 281 tal-Kodiċi ta' Proċedura*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 10 ta' Settembru, 2020.**

**Rikors Nru. 171/20GM**

**Fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 159/2020**

**Michael Galea ID 342267M għan-nom u in rappresentanza ta' East Gate Developments Limited (C51140)**

**Vs**

**Michael Paris ID145864M u Marie Christine sive Tina Paris ID221365M**

**Digriet mogħti bil-miftuħ**

Il-Qorti:

Ikkunsidrat:

Illi l-ittra uffiċjali 159/20 ġiet ippreżentata fis-17 ta' Jannar 2020 sabiex jiġi reż esegwibbli kuntratt pubbliku tal-24 t'Awwissu 2018 ippubblikat

min-Nutar Sam Abela. In forza ta' dan it-titlu eżekuttiv reż eżegwibbli, inħareġ mandat ta' sekwestru eżekuttiv fit-18 ta' Frar 2020 kontra l-konjuġi Parnis, issa rikorrenti;

Illi permezz tar-rikors tagħhom tas-26 ta' Frar 2020, il-konjugi Paris qegħdin jitolbu, a tenur tal-Art. 281 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, t-tħassir tal-"att eżekuttiv, l-ittra uffiċċjali Nru. 159/2020" u konsegwentement l-awtorizzazzjoni biex jirtiraw kwalsiasi fondi ddepożitati wara l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 263/2020.

Illi l-imsemmi `Art. 281 jipprovdi proċedura li permezz tagħha jista' ssir talba biex jitħassar **att eżekuttiv.** L-atti eżekuttivi huma dawk "l-atti illi bihom, skont ma jkun il-każ, tista' ssir l-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 253" (Art. 273 proċ. ċiv.) fost dawn l-atti hemm il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv (Art. 273(e) proċ. ċiv.).

Illi l-konjuġi Parnis qegħdin jitolbu t-tħassir tal-ittra uffiċjali li nħarġet biex tirrendi kuntratt (titlu eżekuttiv) eżegwibbli. Din l-ittra uffiċjali mhix att eżekuttiv, kif erronjament isejħulha l-istess konjuġi Parnis. L-att eżekuttiv huwa l-mandat ta' sekwestru li nħareġ wara l-ittra uffiċjali. Huwa biss dan il-mandat li seta' jiġi attakkat permezz tal-Art. 281 imsemmi. B'danakollu, il-konjuġi Parnis mhumiex qegħdin jattakkaw il-mandat, anzi qegħdin jirrikonoxxu impliċitament il-validita` tiegħu billi jitolbu li jiżbankaw kwalunkwe flus iddepożitati bis-saħħa tiegħu.

Illi għalhekk ir-rikors *de quo* huwa manifestament irritu u null u konsegwentement il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

Spejjeż a kariku tar-rikorrenti.

Moqri bil-miftuħ.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA